

## Paġna ewlenija>Teħid ta' azzjoni legali>Fejn u kif>Kif tressaq kawża quddiem il-qorti Kif tressaq kawża quddiem il-qorti

il-Kroazja

### 1 Hemm bżonn li mmur il-qorti jew teżisti alternattiva oħra?

Il-partijiet jistgħu jsovvu tilwima fil-qorti, iżda jeżistu wkoll metodi ta' soluzzjoni tat-tilwim barra l-qorti. Fil-Kroazja, dawn il-metodi jinkludu l-arbitraġġ, il-medjazzjoni u kawżi l-qorti f'sens usa' bl-għan li jsibu soluzzjoni bil-qorti.

Il-medjazzjoni f'tilwim ċivili, kummerċjali, industrijali u tilwim ieħor rigward id-drittijiet li jistgħu jiġu eżerċitati liberament mill-partijiet hija rregolata mill-Att dwar il-Medjazzjoni (*Zakon o mirenju*) (*Narodne Novine* (NN; Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tal-Kroazja), Nru 18/11). Il-medjazzjoni tfisser kwalunkwe proċedura, irrispettivament mill-isem użat (*mirenje, medijacija, posredovanje, koncilijacija*) li fiha l-partijiet ikollhom l-għan li jsovvu t-tilwima tagħhom billi jaslu għal ftehim reċiproku, jiġifieri billi jilħqu ftehim aċċettabbli b'mod reċiproku li jkun konformi mal-ħtiġijiet u l-interessi tagħhom, bl-għajna ta' parti terza newtrali – medjatur wieħed jew aktar (*posrednik, medijator, koncilijator*), li jgħinu lill-partijiet jilħqu ftehim, mingħajr is-setgħa li jimponu soluzzjoni vinkolanti. Il-medjazzjoni ssir b'mod miftiehem bejn il-partijiet; il-proċedura hija kkaratterizzata min-natura fakultattiva tagħha u mill-awtonomija tal-partijiet. Hija volontarja u kunsenswali, informali u kunfidenzjali, u l-partijiet huma uguali fil-proċedimenti.

Kuntrarjament, l-arbitraġġ (*arbitraža* jew *izbrano suđenje*) huwa proċess li jsir quddiem qorti tal-arbitraġġ, irrispettivament minn jekk ikunx organizzat jew immexxi minn persuna ġuridika jew mill-korp ta' persuna ġuridika li jorganizza u jmexxi x-xogħol tal-qorti tal-arbitraġġ. L-arbitraġġ huwa mod volontarju, rapidu, effiċjenti u mhux pubbliku ta' kif jissolvew it-tilwimiet, fejn il-partijiet jistgħu jagħmlu l-arranġamenti fuq min se jaġixxi bħala mħallf f'każ li tinħoloq tilwima, il-post tal-arbitraġġ, il-liġi proċedurali u sostantiva applikabbli, il-lingwa/ li biha/bihom jitmexxa l-arbitraġġ u d-deċiżjoni ta' qorti tal-arbitraġġ dwar il-fatti tal-każ għandha s-saħħa ta' deċiżjoni definitiva tal-qorti.

L-Att dwar il-Proċedura Ċivili (*Zakon o parničnom postupku*) (NN Nri 53/91, 91/92, 112/99, 129/00, 88/01, 117/03, 88/05, 2/07, 84/08, 96/08, 123/08, 57/11, 25/13, 89/14 u 70/19) jipprevedi li qorti tista', b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi kollha, speċjalment l-interessi tal-partijiet u tat-terzi relatati magħhom, id-durata tar-relazzjonijiet tagħhom u l-livell ta' fiduċja reċiproka tagħhom, tiegħu deċiżjoni, waqt seduta jew mod ieħor, li titlob lill-partijiet biex jifhemu proċedimenti ta' medjazzjoni fi żmien tmint ijiem jew tipproponi li jfittxu li jsovvu t-tilwima tagħhom permezz tal-proċedimenti tal-medjazzjoni. Barra minn hekk, waqt is-seduta preliminari, il-qorti tinforma lill-partijiet li t-tilwima tista' tiġi solvuta b'soluzzjoni bil-qorti jew bi proċedura ta' medjazzjoni, u tispjegalhom dawk il-possibiltajiet. F'ċerti każijiet (il-preżentata ta' azzjoni kontra r-Repubblika tal-Kroazja), il-persuna li jkollha l-ħsieb li tippreżenta azzjoni bħal din hija obbligata, qabel tippreżentaha, li tikkuntattja lill-uffiċċju tal-avukat tal-Istat li għandu ġurisdizzjoni *ratione materiae* u territorjali għal rappreżentanza quddiem qorti fejn se tiġi ppreżentata azzjoni kontra r-Repubblika tal-Kroazja, u titlob li tinstab soluzzjoni bonarja tat-tilwima, ħlief f'każijiet meta jkun hemm leġiżlazzjoni speċjali li tispeċifika data ta' skadenza għall-preżentata ta' rikors. It-talba għal soluzzjoni bonarja ta' tilwima jrid ikun fiha l-informazzjoni kollha meħtieġa għal rikors standard fil-qorti.

### 2 Hemm limitu ta' żmien biex inressaq każ il-qorti?

It-terminu għat-tressiq ta' azzjoni fil-qorti jiddependi fuq it-tip u n-natura legali tal-azzjoni. Pereżempju, għall-protezzjoni ġudizzjarja tad-drittijiet relatati max-xogħol, hemm skadenza ta' ħmista-il jum sa meta l-impjegat irid jippreżenta rikors lill-qorti kompetenti sabiex jipproteġi d-dritt miksur, wara li jkun ippreżenta talba għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-impjegat lil min iħaddmu, ħlief fil-każ ta' talba għad-danni jew talba monetarja oħra li tinħoloq mir-relazzjonijiet tax-xogħol.

### 3 Għandi mmur quddiem qorti f'dan l-Istat Membru?

Iva. Fil-Kroazja, fil-proċeduri ċivili, il-qorti jiddeċiedu fil-limiti tal-ġurisdizzjoni *ratione materiae* tagħhom, kif definita mil-liġi, u l-awtorità ġudizzjarja tiġi eżerċitata minn qorti ordinarji u speċjalizzati u mill-Qorti Suprema tar-Repubblika tal-Kroazja (*Vrhovni sud Republike Hrvatske*).

Il-qorti ordinarji huma l-qorti muniċipali (*općinski sudovi*) u l-qorti tal-kontej (*županijski sudovi*). Il-qorti speċjalizzati huma l-qorti kummerċjali (*trgovački sudovi*), il-qorti amministrattivi (*upravni sudovi*), il-qorti għar-reati minuri (*prekršajni sudovi*), il-Qorti Kummerċjali Għolja tar-Repubblika tal-Kroazja (*Visoki trgovački sud Republike Hrvatske*), il-Qorti Amministrattiva Għolja tar-Repubblika tal-Kroazja (*Visoki upravni sud Republike Hrvatske*) u l-Qorti Għolja għal Reati Minuri tar-Repubblika tal-Kroazja (*Visoki prekršajni sud Republike Hrvatske*).

L-ogħla qorti tal-Kroazja hija l-Qorti Suprema tar-Repubblika tal-Kroazja.

Il-liġi tista' tistabilixxi qorti ordinarji u speċjalizzati oħrajn skont il-ġurisdizzjoni *ratione materiae* tagħhom jew għal ċerti oqsma legali.

### 4 Jekk iva, f'liema qorti partikolari f'dan l-Istat Membru għandi nirrikorri, skont fejn ngħix jien u fejn tgħix il-parti l-oħra, jew skont elementi oħrajn tal-każ tiegħi?

Ir-regola ġenerali tgħid li l-qorti kompetenti hija l-qorti b'ġurisdizzjoni territorjali ġenerali għall-konvenut, jiġifieri l-qorti li tkopri ż-żona fejn il-konvenut ikollu r-residenza permanenti tiegħu. Jekk il-konvenut ma jkollu ebda residenza permanenti fir-Repubblika tal-Kroazja, il-qorti b'ġurisdizzjoni territorjali ġenerali hija dik li tkopri ż-żona fejn il-konvenut ikollu r-residenza temporanja tiegħu.

Jekk il-konvenut, minbarra residenza permanenti, ikollu wkoll residenza temporanja fi kwalunkwe post ieħor, u minħabba ċ-ċirkostanzi jkun jista' jiġi dedott li huwa se jirrisjedi hemmhekk għal perjodu ta' żmien relattivament twil, il-qorti fil-post tar-residenza temporanja jkollha ġurisdizzjoni territorjali ġenerali.

Għall-proċessi f'tilwim kontra ċittadin Kroat residenti b'mod permanenti barra l-pajjiż fejn huwa ġie assenjat sabiex jaħdem għal awtorità nazzjonali jew entità ġuridika, il-ġurisdizzjoni territorjali ġenerali hija tal-qorti li tkopri l-aħħar residenza permanenti magħrufa tiegħu fir-Repubblika tal-Kroazja.

F'tilwimiet b'elementi internazzjonali, qorti fir-Repubblika tal-Kroazja hija kompetenti għall-proċess meta dan ikun speċifikat espliċitament mil-liġi jew minn trattat internazzjonali. Jekk il-liġi jew it-trattat internazzjonali ma jiddikjarawx espliċitament li qorti Kroata hija kompetenti għal tip speċifiku ta' tilwima, mela qorti Kroata hija kompetenti għal proċess meta dan jirriżulta mid-dispożizzjonijiet legali rigward il-ġurisdizzjoni territorjali tal-qorti fil-Kroazja.

### 5 Għal liema qorti partikolari għandi nirrikorri f'dan l-Istat Membru, skont in-natura tal-każ tiegħi u l-ammont mitlub?

Dak imsemmi hawn fuq jiddependi fuq it-tip ta' tilwima u d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili li jirregolaw materji ta' ġurisdizzjoni *ratione materiae* u territorjali.

L-ammont involut fit-tilwima mhuwiex kriterju distint li jaffettwa l-ġurisdizzjoni *ratione materiae* u territorjali tal-qorti fil-Kroazja.

### 6 Nista' nressaq il-każ waħdi jew għandi bżonn intermedjarju, bħal pereżempju avukat?

Skont l-organizzazzjoni attwali tal-proċess ta' litigazzjoni kif stabbilit mill-Att dwar il-Proċedura Ċivili, kwalunkwe parti – persuna ġuridika jew fiżika – tista' tagħżel liberament jekk tridx tirrappreżenta lilha nnifisha fil-proċedimenti, jew tridx tkun rappreżentata minn intermedjarju, ġeneralment avukat, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor mill-Att dwar il-Proċedura Ċivili.

Madankollu, l-Artikolu 91 tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili jillimita ħafna d-drittijiet tal-partijiet li jirrappreżentaw lilhom infushom: jekk, f'tilwim li jinvolvi pretensjonijiet tal-proprjetà, l-ammont fit-tilwima jkun ta' aktar minn HRK 50,000, l-aġenti għall-persuni ġuridiċi jistgħu jkunu biss persuni li jkunu għaddew mill-eżami tal-avukatura.

Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 91 tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili jistipulaw li l-partijiet jippreżentaw rikors għal rieżami permezz tar-rappreżentant tagħhom, jiġifieri avukat, jew, b'mod eċċezzjonali, huma jistgħu jirrappreżentaw lilhom infushom, jekk ikunu għaddew minn eżami tal-avukatura jew jekk it-talba biex jippreżentaw rikors għal rieżami tkun tista' ssir fisimhom minn persuna li tkun awtorizzata f'konformità mal-Att dwar il-Proċedura Ċivili jew ma' kwalunkwe liġi oħra sabiex tirrappreżentahom f'din il-kapaċità, minkejja li ma tkunx avukat, bil-kundizzjoni li dik il-persuna tkun għaddiet mill-eżami tal-avukatura.

#### **7 Biex nibda l-każ, fejn irrid inressqu eżatt: fl-uffiċċju tal-informazzjoni, fl-uffiċċju tal-iskrivan tal-qorti jew quddiem xi amministrazzjoni oħra?**

Il-proċeduri ta' qorti ċivili jinbnew permezz tal-preżentata ta' azzjoni quddiem qorti kompetenti, direttament fl-uffiċċju tar-reġistru tal-qorti, bil-posta jew b'mod elettroniku.

#### **8 B'liema lingwa nista' nagħmel ir-rikors tiegħi? Nista' nippreżentah bil-fomm jew jeħtieġ li jsir bil-miktub? Nista' nibgħat ir-rikors bil-feks jew bil-posta elettronika?**

Il-proċedimenti ċivili jitmexxew bil-lingwa Kroata u bl-użu tal-alfabett Latin, sakemm ma jkunx ġie introdott l-użu ta' lingwa jew alfabett ieħor fi qrati individwali bil-liġi.

Il-partijiet u parteċipanti oħrajn fil-proċedimenti jippreżentaw l-azzjonijiet, id-denunzji u sottomissjonijiet oħrajn tagħhom lill-qorti bil-lingwa Kroata u bl-alfabett Latin.

Azzjoni tista' tiġi ppreżentata direttament fl-uffiċċju tar-reġistru tal-qorti, bil-posta jew b'mod elettroniku, għalkemm l-aktar komuni hu li tiġi ppreżentata direttament fl-uffiċċju tar-reġistru jew bil-posta.

L-Att dwar il-Proċedura Ċivili jipprevedi l-possibbiltà li d-dokumenti jiġu ppreżentati b'mod elettroniku. Id-dokumenti ppreżentati b'mod elettroniku jridu jiġu ffirmati bl-użu ta' firem elettroniċi kkwalfikati f'konformità ma' leġiżlazzjoni speċjali.

#### **9 Jeżistu formoli partikolari biex fuqhom tiftaħ kawża, jew jekk m'hemmx, kif għandi nippreżenta l-każ tiegħi? Hemm xi elementi li bilfors għandhom jiġi inklużi fil-fajl?**

Il-formoli jintużaw biss għall-proċeduri għal talbiet żgħar Ewropej. Aktar dettalji dwar dan huma disponibbli fil-fuljett bit-titolu "[Talbiet Żgħar – Ir-Repubblika tal-Kroazja](#)".

L-Att dwar il-Proċedura Ċivili jiddikjara li r-rikors irid jinkludi dawn li ġejjin: talba speċifika rigward il-merti u talbiet incidental, il-fatti li l-attur jibbaża t-talba fuqhom, l-evidenza li tappoġġa dawk il-fatti u informazzjoni oħra li trid tiġi mehmuża ma' kull sottomissjoni (l-Artikolu 106 tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili).

Kull sottomissjoni, inklużi r-rikorsi jridu jinkludu dawn li ġejjin: l-isem tal-qorti, l-isem u r-residenza permanenti jew temporanja tal-partijiet, tar-rappreżentanti legali u tal-aġenti tagħhom, jekk ikun hemm, in-numru tal-identifikazzjoni personali tal-parti li tagħmel is-sottomissjoni, is-suġġett tat-tilwima u l-firma u d-dikjarazzjoni tal-parti li tagħmel is-sottomissjoni.

Il-parti jew ir-rappreżentant tagħha jiffirmaw l-ismijiet tagħhom fl-aħħar tas-sottomissjoni.

Jekk id-dikjarazzjoni jkun fiha pretensjoni, il-parti trid tiddikjara fis-sottomissjoni l-fatti li fuqhom tibbaża l-pretensjoni tagħha u l-evidenza, meta meħtieġ.

Il-qorti tipproċedi fuq ir-rikors anke jekk ir-rikorrent ma jkunx iddikjara r-raġunijiet legali għar-rikors; anke jekk ir-rikorrent ikun iddikjara r-raġunijiet legali, il-qorti ma hijiex marbuta b'dan.

#### **10 Huwa meħtieġ li nħallas xi tariffi tal-qorti? Jekk iva, meta? Ikun jeħtieġ li nħallas avukat mal-preżentata tar-rikors?**

Il-partijiet jeħtieġilhom iħallsu t-tariffi tal-qorti rregolati mill-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti (*Zakon o sudskim pristojbama*) (NN Nru 118/18).

It-tariffi tal-qorti preskritti mill-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti japplikaw għall-persuni li fuq talba tagħhom jew li fl-interess tagħhom jitwetqu ċerti azzjonijiet preskritti mil-liġi.

Sakemm ma jkunx previst mod ieħor mill-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti, hemm tariffi tal-qorti:

għas-sottomissjonijiet (rikorsi, rimedji legali, rikorsi għall-eżekuzzjoni, eċċ.) meta ssir is-sottomissjoni; u għas-sottomissjonijiet irreġistrati, meta r-reġistrazzjoni tkun tlestiet,

għas-sottomissjonijiet fid-difiża wara t-terminazzjoni finali tal-proċedimenti għal kull parti, b'mod proporzjonali għas-suċċess tagħhom fil-kawża,

għat-traskrizzjonijiet tal-qorti, meta jintalbu,

għad-deċiżjonijiet ġudizzjarji, meta l-parti jew ir-rappreżentant tagħha jiġu nnotifikati b'kopja tad-deċiżjoni,

għaċ-ċertifikati tas-suċċessjoni, meta jsiru finali,

għall-proċedimenti ta' soluzzjoni sfurzata, falliment u likwidazzjoni, mal-ħruġ ta' deċiżjoni dwar id-diviżjoni ewlenija jew mal-ħruġ ta' deċiżjoni li tapprova soluzzjoni sfurzata,

għal azzjonijiet oħrajn, meta jintalbu jew meta tibda taġixxi l-qorti.

Ir-regola ġenerali għall-ħlas tal-ispejjeż tal-proċedimenti ta' litigazzjoni hija li l-parti li tiffel il-kawża fl-intier tagħha trid tkopri l-ispejjeż tal-parti opposta u tal-intervenjent tagħha fil-proċedimenti. L-intervenjent fuq in-naħa tal-parti li tiffel il-kawża irid ikopri l-ispejjeż li jirriżultaw mill-azzjonijiet tiegħu.

L-ispejjeż tar-rappreżentanza minn avukati u r-rimunerazzjoni u r-rimborż tal-ispejjeż tal-avukati huma rregolati mill-Att dwar il-Professjoni Legali (*Zakon o odvjetništvu*) (NN Nri 9/94, 117/08 traduzzjoni, 50/09, 75/09, 18/11 u 126/21).

Avukat huwa intitolat li jitħallas għas-servizzi legali u għar-rimborż ta' kwalunkwe spiża mġarrba b'konnessjoni max-xogħol imwettaq, skont it-tariffa stabbilita mill-Kamra tal-Avukati u approvata mill-ministru għall-ġustizzja; l-avukati jeħtieġilhom joħroġu fattura lill-klijenti tagħhom malli jipprovdu servizz. Fil-każ ta' tħassar jew revoka tal-prokura, l-avukat joħroġ fattura fi żmien 30 jum minn dakinhar li titħassar jew tiġi rrevokata l-prokura.

F'materji li jikkonċernaw il-liġi tal-proprjetà, l-avukati jistgħu jagħmlu l-arranġamenti sabiex jiksbu rimunerazzjoni għax-xogħol tagħhom mal-parti tagħhom b' mod proporzjonali għas-suċċess tagħhom fil-proċedimenti, jiġifieri fl-azzjonijiet legali li jwettqu f'isem il-parti, f'konformità mat-tariffa uffiċjali. Kuntratt bħal dan huwa validu biss jekk ikun ġie konkluż bil-miktub.

Għalhekk, f'materji li jikkonċernaw il-liġi tal-proprjetà, il-partijiet jistgħu jirregolaw ir-relazzjoni tagħhom mal-avukat tagħhom f'kuntratt bil-miktub.

#### **11 Nista' nitlob għajjuna legali?**

Jekk parti tkun teħtieġ għajjuna legali professjonali, hija tista' titlob parir legali mingħand avukat, li, f'konformità mal-Artikolu 3 tal-Att dwar il-Professjoni Legali, ikun awtorizzat jipprovdi kull forma ta' għajjuna legali fil-Kroazja, speċjalment biex jagħti pariri legali, iħejji l-azzjonijiet, id-denunzji, il-mozzjonijiet, it-talbiet, ir-rikorsi, ir-rimedji legali straordinarji u trattazzjonijiet oħrajn, kif ukoll biex jirrappreżenta lill-partijiet.

Barra minn hekk, il-partijiet jistgħu jagħmlu użu minn għajjuna legali bla ħlas. B'mod speċifiku, l-Att dwar l-Għajjuna Legali b'Xejn (*Zakon o besplatnoj pravnoj pomoći*) (NN Nri 143/2013 u 98/19) jipprevedi li tingħata għajjuna legali b'xejn lil ċittadini li ma jistgħux jiksbu għajjuna legali huma stess, iżda li għandhom bżonnha. L-informazzjoni dwar l-iskema ta' għajjuna legali b'xejn fil-Kroazja tinsab fis-sit web li ġej:

<https://pravosudje.gov.hr/besplatna-pravna-pomoc/6184>.

#### **12 It-talba tiegħi minn liema mument titqies li nftetħet b'mod uffiċjali? Nirċievi konferma mingħand l-awtoritajiet dwar jekk il-każ tiegħi ġie ippreżentat korrettement jew le?**

Proċedura ċivili tinfetaħ billi jiġi ppreżentat rikors u tidda billi l-kawża tiġi nnotifikata lill-konvenut.

Wara li jiġi ppreżentat ir-rikors, isiru t-tnejn għall-proċess.

Dawn it-tnejn jinkludu eżami preliminari tar-rikors, u, jekk ir-rikors ma jinftihemx jew ma jkunx fih dak kollu li jkun meħtieġ biex tittieħed azzjoni fuqu, il-qorti tordna lill-parti preżentattriċi tikkoreġi jew temenda s-sottomissjoni skont l-istruzzjonijiet mogħtija u tirtornah għall-finijiet ta' korrezzjoni jew emenda.

### **13 Ningħata informazzjoni preċiża dwar iż-żmien li fih ikunu ser isiru s-seduti sussegwenti (bħaż-żmien disponibbli għalja biex nidher)?**

Il-partijiet, l-avukati u r-rappreżentanti tagħhom jiġu infurmati bil-progress tal-kawża mill-uffiċjal tal-uffiċċju tar-reġistru fuq il-bażi tal-informazzjoni fir-reġistru u l-atti.

L-informazzjoni tkun limitata għad-data rigward l-istadju tal-proċedimenti u l-imħallfin uniċi, il-presidenti tal-awla, il-membri tal-awla u l-konsulenti tal-qorti li jkunu qegħdin jismgħu l-kawża.

Meta tiġi pprovduta informazzjoni, huwa pprojbit li jsiru dikjarazzjonijiet dwar il-korrettezza ta' azzjonijiet individwali tal-qorti, kif ukoll dwar l-eżitu probabbli tal-proċedimenti.

L-informazzjoni tista' tingħata bit-telefon, bil-posta elettronika u bil-miktub.

Il-partijiet jistgħu jaċċessaw l-informazzjoni permezz tal-internet rigward il-progress tal-proċedimenti u l-imħallfin uniċi, il-presidenti tal-awla, il-membri tal-awla u l-konsulenti tal-qorti li jkunu qegħdin jismgħu l-kawża, jekk fil-kawża kkonċernata jkun qed jintuża s-servizz ta' Aċċess Pubbliku għal Informazzjoni Bażika dwar il-Kawżi / Kawżi elettroniċi tal-Qorti (*Javni pristup osnovnim podacima o sudskim predmetima – usluga e-Predmet*).

L-iskadenzi biex il-partijiet jidhru quddiem il-qorti u passi oħrajn meħuda mill-partijiet jew mill-qorti huma preskritti mill-Att dwar il-Proċedura Ċivili.

Aktar informazzjoni dwar it-termini u t-tipi ta' termini tinsab fil-pakkett ta' informazzjoni bit-titolu "[Termini proċedurali – Ir-Repubblika tal-Kroazja](#)".

L-aħħar aġġornament: 14/08/2023

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.